**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 12 ta' Gunju, 2001**

**Numru 2**

**Avviz. numru 125/01JR**

**Allied Newspapers Ltd.**

**vs**

**Golden Valley Company Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Frar, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u dsatax-il lira Maltija u tlett centezmi (Lm119.03), rappresentanti bilanc dovut fuq il-prezz ta' diversi reklami maghmula mill-istess socjeta` attrici fil-gazzetta "The Times" u "The Sunday Times" fuq inkarigu ta' l-istess socjeta` konvenuta;**

**Illi nonostante li giet debitament interpellata biex thallas dan l-ammont is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;**

**Illi l-ammont mitlub hu cert, likwidu u dovut;**

**Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata t-28 ta' Settembru, 2000, u bl-imghax legali sad-data ta' l-effettiv pagament kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Nicole Vella DeFremaux li kkonfermat li l-ammont intier ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u dsatax-il lira Maltija u tlett centezmi (Lm119.03), bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Settembru, 2000, sad-data ta' l-effettiv pagament;**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata t-28 ta' Settembru, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**